


OTTUBRU - DIĊEMBRU 2010

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

Grazzi u Merħba

L-iskola tagħna dieħla fis-sitt sena tagħha u jidher ċar li s-sena skolastika 2010-11 ser tkun waħda eċċezzjonali. Huwa ta' unur kbir għalija u għall-kollegi tiegħi li l-għaqda bejn l-iskola u d-dar kompliet tissaħħaħ. Flimkien biss nistgħu noħolqu dak is-suċċess li tant naħdmu għalih. In-numru kbir ta' ġenituri li fis-sajf attendew għal-laqgħat li l-amministrazzjoni organizzat għal kull Sena juri biċ-ċar li l-ġenituri jemmnu bis-sħiħ fil-viżjoni li għandha l-iskola biex l-istudenti jirnexxu lkoll. M'għandniex xi ngħidu li l-attendenza u l-puntwalità filgħodu u għal-lezzjonijiet, huma l-qofol tas-suċċess. Issa kulħadd dara l-kmamar fejn huma u m'għandu jkun hemm l-ebda skuża li ma jafx. Il-Blokk tal-Kreattività fejn qed isir it-tagħlim tal-lingwi barranin, tal-Mużika, tal-Arti u l-librerija l-ġdida żgur li ser jgħinu sabiex jimmotivaw aktar liż-żgħażagħ, japprezzaw l-impenn tagħna lkoll u jagħtu s-sehem kollu tagħhom biex jiżviluppaw it-talenti kollha tagħhom. Nixtieq li f'isem l-għalliema u l-amministrazzjoni nagħti merħba kbira lil dawk l-għalliema, LSAs u studenti ġodda li ngħaqdu magħna u nawgura mill-qalb lill-oħrajn li m'għadhomx magħna.

Is-Sur R. Portelli

Kap tal-Iskola



**Kulleġġ San Benedittu, Sekondarja Subien**

*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*

☎ 21642427 🖷 21642423

✉ sbc.kirkop.bs@gov.mt

http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

## Komunikazzjoni bejn l-iskola u d-dar

Komunikazzjoni tajba għandha tkun il-bażi ta' kull relazzjoni, kemm jekk hi bejn il-membri tal-familja, bejn il-ħbieb, bejn il-kollegi fuq il-post tax-xogħol u anke fil-kuntest ta' skola.

L-amministrazzjoni tal-iskola temmen bis-sħiħ fl-importanza ta' komunikazzjoni tajba bejn l-iskola u d-dar ta' kull student. Għal dan il-għan fil-ġranet li għaddew ġie maħruġ ktejjeb b'informazzjoni utli dwar l-iskola għall-ġenituri kollha. Il-fuljett li għandkom f'idejkom huwa mezz ieħor ta' kuntatt bejn l-iskola u d-dar tal-istudenti tagħna. Barra minn hekk regolarment isiru laqgħat għall-ġenituri dwar diversi temi li jolqtu lill-istudenti tagħna f'aspetti differenti ta' ħajjithom. Fil-fatt qabel bdiet is-sena skolastika sejjaħna lill-ġenituri kollha għal-laqgħa biex niddiskutu diffikultajiet u differenzi li jistgħu jinħolqu minn żmien għal żmien.

Mill-bidu tas-sena saru wkoll laqgħat oħra fosthom għall-ġenituri tal-istudenti tal-Ewwel Sena wara xahar l-iskola u laqgħa dwar l-eżamijiet tas-Sec u l-esperjenza tax-xogħol għall-ġenituri tal-istudenti tal-Ħames Sena. Il-laqgħa li jmiss se tkun il-**Lejla tal-Ġenituri** li se ssir l-iskola nhar it-**Tlieta 7 ta' Diċembru**. Dakinhar intom mistiedna tiġu l-iskola sabiex flimkien mal-għalliema tiddiskutu l-progress tat-tifel tagħkom u taraw x'jista' jsir sabiex it-tifel jimxi aktar 'l quddiem.

Minbarra dawn il-laqgħat regolari l-iskola hija dejjem miftuħa għalikom sabiex nitkellmu dwar diffikultajiet li jinqalgħu minn żmien għal żmien. Bosta minnkom jikkuntattjaw l-iskola regolarment bit-telefown, b'ittra elettronika jew billi jiġu personalment u dejjem ilqajniekom u ppruvajna naqdukom bl-aħjar mod possibbli. Madankollu nissuġġerixxu illi f'ċertu każi jkun aħjar li wieħed jitlob appuntament mal-persuna konċernata sabiex jiġi l-iskola u jinqeda żgur bl-inqas dewmien possibbli u b'hekk kulħadd joħroġ aktar sodisfatt bis-servizz li jingħata. B'hekk inkunu qed insaħħu l-komunikazzjoni ta' bejnietna għall-ġid tal-istudenti għax wara kollox dan huwa l-għan prinċipali tagħna ... il-ġid u l-progress ta' kull student fl-iskola. Aħna ċerti li se naraw bosta minnkom nhar is-7 ta' Diċembru sabiex minn din is-serata joħroġ ħafna ġid.

Is-Sa C. Pisani Grixti
Assistenta Kap

# KELMTEJN MILL-GRUPP TAL-HEALTHY EATING



Minn Settembru ta' din is-sena skolastika 2010-2011, it-*tuck shop* tal-iskola tagħna bidel il-post u issa jinsab fil-Blokk tal-Kreattività. Nistgħu ngħidu li għandna *tuck shop* ikbar u mgħammar b'dak kollu li hemm bżonn. Minn din is-sena qegħdin nippreparaw għażla aktar varjata ta' ikel bnin u sustanzjuż għall-istudenti tagħna. Fil-ġejjieni huwa maħsub li jkollna wkoll siġġijiet u mwejjed sabiex l-istudenti jkunu jistgħu joqogħdu jieklu ġewwa b'aktar kumdità. L-għan tagħna jibqa' dejjem wieħed: dak li nedukaw lill-istudenti sabiex jieħdu ikel tajjeb għal saħħithom. Inħeġġu lilkom il-ġenituri sabiex tikkoperaw magħna billi tipprovdu *lunch* lil uliedkom skont il-linji gwida li jinsabu fid-djarju tal-iskola.

Nirringrazzjawkom tal-koperazzjoni tagħkom.

L- Għalliema tal-Grupp Healthy Eating

**Il-Websajt tal-iskola tagħna**

**http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco/**




...u ħafna aktar. Mela żur sikwit il-websajt tal-iskola!

# GĦARFIEN AKBAR TAL-ANNIMALI MADWARNA



It-Tnejn 4 t'Ottubru kien jum partikulari fl-iskola għaliex saret attività sabiex l-istudenti kollha jkollhom għarfien akbar dwar l-importanza tal-ħbieb tagħna l-annimali. Għal din l-attività l-istudenti kollha flimkien mal-għalliema tagħhom inġabru fil-bitħa tal-iskola u ltaqgħu mill-qrib ma' żewġ annimali partikulari.

Din ma kinitx l-ewwel darba li ttellgħet din l-attività u fis-snin l-imgħoddija nġiebu żwiemel, ajkla, tjur u annimali oħra sabiex l-istudenti jarawhom aktar mill-qrib u jitgħallmu aktar dwar il-kura u l-bżonnijiet tagħhom. Din is-sena ħsibna sabiex l-istudenti jsiru jafu aktar dwar il-mogħoż u r-razez differenti tagħhom. Fil-fatt żewġ studenti, Enoch Seychell u Jean Paul Camilleri ġabu mogħża u bodbod illi huma jrabbu u jieħdu ħsieb regolarment. Huma spjegaw lil sħabhom kif jieħdu ħsieb jagħlfu, inaddfu u jipprovdu dak li jkollhom bżonn dawn l-annimali tagħhom, minbarra annimali oħra li huma jrabbu.



L-istudenti kollha wrew interess fl-annimali preżenti u apprezzaw il-fatt li Enoch u Jean Paul qasmu l-esperjenza tagħhom dwar it-trobbija tad-diversi annimali magħhom. Huma raw biċ-ċar li l-imħabba lejn l-annimali hija l-qofol tat-trobbija tagħhom. B'hekk biss is-sidien tagħhom ikunu lesti anke li jagħmlu sagrifiċċji personali sabiex jipprovdu dak kollu li l-annimali jkollhom bżonn. Jalla jkunu bosta dawk li jħobbu u jieħdu ħsieb l-annimali tagħhom b'tant dedikazzjoni u entużjażmu bħal Enoch u Jean Paul.



Is-Sa C. Pisani Grixti
Assistenta Kap

# ĊELEBRAZZJONI RELIĠJUŻA FIL-BIDU TAS-SENA SKOLASTIKA



Ftit ġimgħat ilu, nhar il-15 t' Ottubru 2010, tajna merħba lill-istudenti kollha tagħna biċ-ċelebrazzjoni tal-quddies. Dawn saru fis-sala l-ġdida li hemm fil-Blokk tal-Kreatività. Peress li n-numru tal-istudenti huwa kbir, inħass il-bżonn li jsiru żewġ quddisiet, waħda għall- istudenti mill-Ewwel sat-Tielet Sena u l-oħra għall-istudenti tar-Raba' u tal-Ħames Sena. B'hekk kulħadd seta' jgawdi din iċ-ċelebrazzjoni b'mod xieraq u parteċipattiv.

Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ġew immexxija minn Fr Ronnie Zammit, li bi pjaċir kbir nilqgħuh bħala direttur spiritwali ġdid flimkien ma' Fr Glenn Buhagiar fi ħdan l-iskola tagħna. Bħala għajnuna kien hemm wkoll il-parteċipazzjoni tad-direttur spiritwali tal-Kulleġġ, Monsinjur Fr Paul Fenech. Iċ-ċelebrant ġie megħjun minn għalliema tar-Reliġjon u diversi għalliema oħra li taw il-kontribut tagħhom biex dawn il-quddisiet setgħu jseħħu. B'hekk xtaqna nawguraw lill-istudenti tagħna sena ġdida mimlija ħidma u enerġija.

Is-Sa R Bugeja Muscat
f'isem l-SDP Christian Values

**Ir-rebbieħa tal-bxiekel ta' San Martin kienu dawk li kellhom il-biljetti bojod bin-numri 169 u 129**

# ĠITA LEJN SQALLIJA

Hekk kif spiċċaw l-eżamijiet, grupp ta' studenti u l-għalliema tat-Taljan flimkien ma' Assistenta Kap irħewlha lejn Sqallija. L-entużjazmu tal-istudenti deher sew hekk kif rikbu fuq il-katamaran.



Wara siegħa u nofs fuq il-katamaran irfisna l-port ta' Pozzallo. B'ordni kbira rkibna l-*privates* u bdejna l-avventura tagħna f'din il-gżira li tant għandha x'toffri. Bdejna bil-Giardini Naxos. F'din il-ġenna tal-art u bit-temp favur tagħna l-istudenti edhew jiġbdu r-ritratti biex jgħożżu l-memorji ta' dan il-jum tant mistenni. Żorna Taormina, l-ambjent tal-madwar, kif ukoll l-Amfiteatru Grieg li seraq l-attenzjoni ta' bosta.



Fl-aħħar tal-vjaġġ tlajna fuq il-vulkan Etna. Il-gwida tana l-informazzjoni meħtieġa bit-Taljan, biex it-tfal jitgħallmu iktar il-lingwa u biex japprezzaw iktar l-istorja tal-post. Huwa ma naqasx milli jinfurmana dwar il-prodotti tipiċi li kellna l-opportunità nduqu. Intgħoġbu l-iktar il-krema tal-pistaċċi u l-prodotti tal-lewż.



Fadlilna biss memorji u xi *souvenir* li xtrajna. Iżda żgur kienet esperjenza li t-tfal ser jibqgħu jiftakru u, bħal teżor, ser jgħożżuha għal dejjem.



Id-Dipartiment tat-Taljan.

# FESTIVAL TAX-XJENZA U T-TEKNOLOĠIJA







Nhar it-Tnejn 25 t'Ottubru u nhar l-Erbgħa 27 t'Ottubru, xi studenti tal-Ewwel u t-Tieni Sena u l-istudenti tat-Tielet Sena li jitgħallmu l-istudju tal-kompjuter kellhom opportunità li jżuru l-festival tax-xjenza u teknoloġija li ttella` fl-Università ta' Malta. Malli wasalna hemmhekk sibna gwida jistenniena. Dan wassalna sal-kampus tal-Università fejn l-istudenti tagħna raw preżentazzjoni li ttellgħet minn animatur. It-Tnejn, it-tema kienet fuq il-ħsejjes u l-Erbgħa t-tema kienet fuq l-ilma. Matul din il-preżentazzjoni, l-animatur għallem lill-istudenti fuq dawn it-temi b'mod innovattiv, fejn għamel ukoll numru ta' esperimenti. L-istudenti kienu l-ħin kollu mħeġġa biex jipparteċipaw u anki kienu involuti f'xi esperimenti.

Fit-tieni parti tal-ħarġa tagħna, l-istudenti nqasmu f'żewġ gruppi. Kull grupp mar iżur xi stends li kienu mtellgħa fuq il-kampus tal-Università. Żorna fost l-oħrajn l-istend tal-Mcast, tal-Lego Mindstorms u tal-Akwakultura. L-istudenti, flimkien mal-għalliema, kellhom iċ-ċans jippruvaw xi esperimenti tax-xjenza li kien hemm imtellgħa. Fost dawn ippruvajna Centrifuge, Corner Reflector, Electric Power Model, Hand Battery u l-Wind Turbine. Xtaqna kieku kellna aktar ħin però dan tar malajr.

Dan il-festival kien utli għall-istudenti ta' dawn is-suġġetti għax jien żgur li kull min żar dan il-festival tgħallem affarijiet ġodda.

L-Għalliema tal-Istudju tal-Kompjuter u tax-Xjenza.

# KALENDARJU UFFIĊĊJALI

## Novembru 2010

| | |
|---|---|
| 22 | Film St James Cavalier (l-istudenti tal-Ġermaniż tat-3, ir-4 u l-5 Sena) |
| 22 - 26 | Job Exposure (studenti tal-5 Sena) |
| 22 - 26 | Ġimgħa ta' Assessjar |
| 24 | Żjara fid-Dar tal-Providenza (għażla ta' studenti mit-2 u t-3 Sena) |
| 24 | Taħdita dwar Underwater Archeology (l-istudenti tat-2 Sena AS) |
| 24 | Esperjenza tal-Everest (attività interattiva l-istudenti tal-Ġografija *option* tar-4 u l-5 Sena) |
| 26 | Quddiesa għall-istudenti tat-2 Sena |
| 29 | Sessjoni PD għall-għalliema (wara l-ħin tal-iskola) |
| 30 | Taħriġ għall-kamp tax-xogħol (studenti tal-5 Sena) |
| 30 | ACTS (l-istudenti tar-4 Sena JL u AS) |

## Diċembru 2010

| | |
|---|---|
| 1 | Taħdita mill-għalliema tal-Guidance tal-Junior College (l-istudenti JL u selezzjoni mill-AS) |
| 1,3 | Bobby Charlton Football School (l-istudenti tal-1 Sena) |
| 2 | Taħdita dwar NCPE - Karrieri (l-istudenti tal-5 Sena) |
| 2 | Taħdita dwar il-Job Exposure (l-istudenti tar-4 Sena u l-ġenituri) |
| 2 | Lezzjonijiet tal-għawm (l-istudenti tat-3 u r-4 Sena tal-PE option) |
| 3,6 | Taħriġ għall-kamp tax-xogħol (studenti tal-5 Sena) |
| 6 | Trekking (għażla ta' studenti) |
| 6 | Malta Police Force (għażla ta' studenti tat-3 Sena) |
| 7 | Lejla tal-Ġenituri mill-5.00pm sat-8.00pm (l-iskola tispiċċa fil-11.10am) |
| 10 | Lezzjonijiet tal-għawm (l-istudenti tar-4 u l-5 Sena tal-PE option) |
| 14 | Malta Stock Exchange (studenti tal-Business Studies tar-4 Sena) |
| 14 | Żjara fil-Malta Dairy Products (l-istudenti tal-Bijoloġija tar-4 Sena) |
| 15 | Lezzjonijiet tal-għawm (l-istudenti tar-4 u l-5 Sena tal-PE option) |
| 16 | Lezzjonijiet tal-għawm (l-istudenti tat-3 u l-5 Sena tal-PE option) |
| 16 | Attività filantropika - *car wash* u *penalty shoot out* għall-istudenti kollha |
| 20,21 | Sindirella – Pantomima tal-Milied u Il Rapimento di Babbo Natale - reċta (rappreżentazzjoni filgħodu għall-istudenti u filgħaxija għall-ġenituri) |
| 20 | Trekking (għażla ta' studenti tar-4 Sena) |

| Diċembru 2010 | |
|---|---|
| 20-22 | Attivitajiet tal-Milied |
| 21 | Taħdita dwar il-Higher Secondary School (l-istudenti tal-5 Sena) |
| 22 | Tmiem tat-Teaching Practice |
| 23-31 | Vaganzi tal-Milied |

| Jannar 2011 | |
|---|---|
| 1-6 | Vaganzi tal-Milied |
| 10 | Trekking (l-istudenti tal-1 Sena) |
| 11 | *Anti-bullying awareness sessions* (ġurnata) - (nofs l-istudenti tal-1 Sena) |
| 11-14 | Technological Addiction Awareness - Taħdita minn Sedqa (l-istudenti tat-2 Sena) |
| | Taħdita għall-istudenti tal-5 Sena dwar il-Higher Secondary School |
| 17 | Trekking (l-istudenti tat-2 Sena) |
| 18 | *Anti-bullying awareness sessions* (ġurnata) - (nofs l-istudenti tal-1 Sena) |
| 18 | Trekking (l-istudenti tar-4 Sena) |
| 19 | Communication at Home Awareness - Taħdita minn Sedqa għall-ġenituri tal-istudenti tat-2 Sena) |
| 20 | SDP (l-iskola tispiċċa fin-12.30pm) |
| 21 | Higher Secondary School - (Taħdita għal studenti tal-5 Sena) |
| 21 | Korsijiet post sekondarji - Taħdita għall-ġenituri tal-istudenti tal-5 Sena) |

| Frar 2011 | |
|---|---|
| 1 | Bank Ċentrali (l-istudenti tal-Business Studies tar-4 Sena) |
| | L-għażla tas-suġġetti (Taħdita għall-ġenituri ta' studenti tat-2 Sena) |
| 8-18 | Eżamijiet ta' nofs is-sena |
| 21 | Laqgħa bejn l-SMT u t-tim tal-Guidance |
| 24 | SDP (l-iskola tispiċċa fin-12.30pm) |
| 25-27 | Live in (studenti tal-5 Sena ) |
| 28 | Id-Droga u l-Alkoħol (Taħdita minn Sedqa - l-istudenti tar-4 Sena) |

N.B. Il-programm jista' jinbidel matul is-sena skolastika skont il-ħtieġa.

# IL-BASKET TAL-ISKOLA T'IBNEK X'PIŻ QED IKOLLU?

Studji li saru f'Malta fis-sena 2008 jindikaw biċ-ċar li l-istudenti l-aktar milquta bil-problema ta' ġarr u piż żejjed fil-basket tal-iskola huma s-subien tal-Ewwel u t-Tieni Sena rispettivament.



Is-Servizzi tas-Saħħa fid-Direttorat tal-Edukazzjoni jikkonfermaw li basket tal-iskola b'piż li jaqbeż l-10% tal-piż tat-tifel iżid ir-riskji ta' stress fuq id-dahar u l-ispalel (li jistgħu jwasslu għall-problemi permanenti), uġigħ fl-irkoppa, kif ukoll riskji ta' inċidenti fit-toroq ikkawżati minn waqgħat u restrizzjonijiet fil-movimenti tal-persuna.

L-iskola qed tagħmel l-almu kollu tagħha biex tħares lejn din il-problema u tindirizzaha bis-serjetà għax nemmnu li s-saħħa ta' wliedna tiġi l-ewwel u qabel kollox. Nifhmu li biex tikkontrolla u tissupera din il-problema mhix faċli u tirrikjedi ż-żmien, però fiduċjużi li b'dedikazzjoni, determinazzjoni u bis-sapport sħiħ tagħkom il-ġenituri għandna naslu.

Il-linji gwida li ġejjin ser jgħinukom tifhmu aħjar kif taħdem is-sistema tal-lokers u t-*time table* fl-iskola, b'hekk tħossukom f'pożizzjoni aktar komda li tagħtu l-għajnuna sħiħa tagħkom lil uliedkom mid-dar.

**Il-Loker**



Itaffi ħafna mill-piż tal-basket u, jekk jintuża kif suppost, inaqqas ħafna mir-riskji fuq saħħet it-tifel.

Irid jintuża tliet darbiet kuljum:

- Filgħodu kmieni (07:50) biex jittieħdu l-kotba u materjal ieħor għall-ewwel tliet lezzjonijiet BISS.
- Fl-ewwel brejk (10:10) biex jitbattal il-basket u jittieħdu l-affarijiet tar-raba', il-ħames u s-sitt lezzjonijiet BISS.
- Fil-brejk ta' nofsinhar (12:25) biex jerġa' jitbattal il-basket u jittieħdu BISS l-affarijiet tal-aħħar żewġ lezzjonijiet, kif ukoll il-*homework* ta' dik il-ġurnata. Huma dawn l-affarijiet li l-istudent se jġib miegħu d-dar u mhux it-tmien lezzjonijiet tal-ġurnata f'daqqa.

- Se jinżammu fih ħafna mill-kotba u materjal tal-lezzjonijiet minflok ma jittieħdu d-dar. L-istudju għandu jiġi mqassam u bbażat fuq il-materjal li jkollu miegħu t-tifel fil-basket dakinhar, sakemm ma jkunx irid isir xi studju partikolari.

- Għandu jinżamm pulit, nadif u organizzat, bl-affarijiet ippustjati bil-galbu ħdejn xulxin u mhux fuq xulxin. Dan jiffaċilita użu aħjar u jnaqqas il-ħin mill-użu tal-loker.

**<u>It-Time Table</u>**




- Tiggwida lill-istudent jagħraf x'lezzjonijiet se jkollu ġurnata b'ġurnata u għalhekk għandha tiġi segwita bir-reqqa.

- Irid ikollha speċifikat liema kotba u materjal edukattiv ieħor l-istudent għandu jieħu miegħu <u>f'kull lezzjoni ta' kull ġurnata</u>. Eż: jekk Malti mniżżel fit-*time table* kuljum, l-istudent għandu d-dmir ikun jaf x'materjal se jieħu miegħu <u>għal kull ġurnata u mhux jieħu kollox f'kull ġurnata</u>.

- Għandha tinżamm imwaħħla fil-loker bħala gwida, miktuba fid-djarju tal-iskola fil-basket u tinżamm kopja oħra d-dar.



**<u>Il-Basket</u>**

- Fl-ebda ħin m'għandu jaqbeż l-10% tal-piż tal-istudent, għalhekk student li jiżen 40 Kg jiflaħ piż ta' mhux aktar minn 4 Kg (10%). Dan jista' jiġi ċċekkjat permezz ta' miżien.

- Ma jistax ikun b'ċinga waħda jew bir-roti, imma b'żewġ ċineg fuq l-ispalel u possibilment bit-tielet ċinga li tintrabat madwar il-qadd.

**L-istudent hu fid-dmir u r-responsabbiltà li jġib miegħu ċ-ċavetta tal-loker kuljum u jżommha f'post sikur fejn ma tintilifx.**

# SUĊĊESS IEĦOR SPORTIV GĦALL-ISKOLA

Ġimgħa qabel ma bdejna l-iskola, fl-uffiċini tal-MAAA (Malta Amateur Athletics Association) saret iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet lill-atleti rebbieħa tal-Cross Country League tas-sena 2009-2010. Il-premjijiet tqassmu lill-atleti ta' diversi kategoriji li jibdew minn ħdax-il sena 'l fuq. L-aħjar tlieta minn kull kategorija rċevew trofew.

Kien hemm tnax-il student mill-iskola tagħna li ħadu sehem fi wħud mit-tlielaq iżda wieħed minnhom, Enoch Seychell, ħa sehem fis-sitt tlielaq u b'hekk kellu aktar ċans li jikseb punti ogħla mill-oħrajn. Fil-fatt, fil-klassifika finali Enoch spiċċa fit-tielet post fil-kategorija tas-subien ta' ħdax-il sena u b'hekk għamel unur kbir lilu nnifsu, lill-familja tiegħu li ħadu paċenzja bih u wassluh il-Marsa għat-tlielaq u lill-iskola San Benedittu Sekondarja Subien li hu kien qed jirrappreżenta. Prosit ħafna lil Enoch u nittamaw li għal din is-sena jkun hemm oħrajn li jitħajru jieħdu sehem fil-Cross Country League.

Is-Sur G. Dapi

Għalliem tal-Edukazzjoni Fiżika

# Parteċipazzjoni f'Ġirja għall-Karità



Nhar il-Ġimgħa 19 ta' Novembru madwar erbgħin tifel mill-Ewwel u t-Tieni Sena marru fil-Liċeo tal-Bniet, Santa Tereża tal-Imrieħel sabiex jingħaqdu ma' studenti ta' skejjel oħra u juru solidarjetà ma' min hu fil-bżonn. Hemmhekk l-istudenti ħadu sehem f'Ġirja għall-Karità wara li taw donazzjoni żgħira kull wieħed.

Bħalma jiġri dejjem, minkejja li din ma kinitx ġirja kompetittiva, l-istudenti tagħna kienu ħerqana biex jieħdu sehem u għamlu ħilithom biex jiġu minn ta' quddiem. U hekk ġara din id-darba wkoll, għax l-ewwel student mill-iskejjel kollha kien Warren Sacco tal-klassi 2.1. Fi tmiem l-attività kull min ħa sehem ingħata midalja kommemorattiva kif ukoll trofew għall-iskola bħala apprezzament tal-parteċipazzjoni. Nifraħ lill-istudenti kollha li pparteċipaw f'din il-Ġirja għall-Karità u li għamlu l-aħjar li setgħu biex inżommu l-isem tal-iskola tagħna dejjem 'il fuq.

Is-Sur G. Dapi

Għalliem tal-Edukazzjoni Fiżika

# Il-Fiera Edukattiva Welcome to German

Nhar il-Ġimgħa 22 t'Ottubru 2010, l-istudenti kollha tal-iskejjel Maltin li jitgħallmu l-Ġermaniż kienu mistiedna fl-iskola sekondarja tal-bniet tal-Ħamrun sabiex jassistu għall- Welcome to German - esebizzjoni mill-isbaħ tal-aspetti differenti tal-lingwa Ġermaniża.

Matul din il-ħarġa edukattiva, l-istudenti setgħu jaraw diversi xogħlijiet tagħhom stess flimkien ma' dawk ta' oħrajn ippreżentati permezz ta' *charts*, *projects* u *powerpoint presentations* li kienu murija fuq numru ta' kompjuters li nġiebu apposta.



Il-ġurnata kienet tinkludi programm varjat. Malli wasalna l-iskola tal-Ħamrun, l-istudenti baqgħu deħlin fis-sala prinċipali fejn raw diversi stends ta' kotba bil-Ġermaniż flimkien ma' oħrajn relatati mal-istudju tal-lingwa fil-Junior College jew fil-German-Maltese Circle u stends oħrajn fuq xogħlijiet relatati mal-opportunitajiet offruti għal dawk li jitgħallmu l-Ġermaniż. Rappreżentanti ta' Playmobil Malta u Lufthansa Technik spjegaw lill-istudenti l-importanza tal-lingwa Ġermaniża fl-ispeċjalizzar ta' dawn it-tip ta' industriji.

Il-programm tal-attivitajiet inkluda wkoll *treasure hunt* li fiha l-istudenti tgħallmu kliem ġdid; kant stil Rap mingħand rappreżentant tal-Goethe Institute li kien akkumpanjat minn tfajla bil-kitarra *bass* matul il-*break*; xiri ta' ikel tradizzjonali Ġermaniż; vidjow fuq l-aspett kulturali tal-Ġermanja u tlugħ ta' diversi premjijiet.

Il-ġurnata ntemmet bl-għoti ta' premjijiet li ġew ippreżentati mill-Ambaxxatur Ġermaniż għal Malta u mill-Education Officer tal-għalliema s-Sa Antoinette Spiteri Paris. Fost l-iskantament tagħna lkoll, ir-rebbieħa tat-*treasure hunt* kienu grupp ta' studenti tal-iskola tagħna. Ilkoll fraħna li rċevejna ballun oriġinali tal-ġilda, numru ta' flokkijiet bojod bil-kitba 'Deutschland' fuq wara u kotba b'CD magħhom fost affarijiet oħra.

Fuq kollox u bla dubju ta' xejn, kienet ġurnata li tibqa' mfakkra għall-imġiba eżemplari tal-istudenti tagħna li ġabu ruħhom sew matul dawk is-sigħat kollha. Mal-wasla lura fl-iskola tagħna, is-surmast kien infurmat b'dan u f'kelmtejn qosra faħħar l-imġiba tagħhom.

Għalliema tal-Ġermaniż

# X'INHU S-CYBERBULLYING

***"Ħassejt li ħadd ma seta' jifhem minn xiex kont għaddej. Ma kontx naf min kien qed jibgħatli dawn il-messaġġi u ħassejt li ma kontx naf x'se naqbad nagħmel."***

Hekk qal student li kien vittma ta' *cyberbullying*. *Cyberbullying* huwa meta xi ħadd juża l-mowbajl jew l-internet biex idejjaq jew ibeżża' lil ħaddieħor. Sfortunatament hawn nies li jagħmlu użu ħażin mit-teknoloġija bħalma hawn miljuni oħra li jħaddmuha sew.

Għalkemm il-*bullying* jieħu ħafna forom, is-*cyberbullying* għandu l-karatteristiċi partikolari tiegħu fosthom:



1. Dan jista' jseħħ f'kull ħin tal-ġurnata u l-lejl, u jinvadi l-aktar territorji privati tal-individwu.
2. Il-vittmi jistgħu jkunu numerużi u jintlaħqu f'qasir żmien.
3. In-nies li jkunu qed jagħmlu *cyberbullying* jistgħu jibqgħu anonimi, allura l-vittmi ma jkunux jafu min qed idejjaqhom.
4. Kulħadd jista' jkun vittma ta' *cyberbullying*, anki l-għalliema.
5. Xi kultant is-*cyberbullying* ma jkunx intenzjonat. Eżempju xi ħadd jagħmel ċajta li tkun wisq offensiva għal min jirċeviha.
6. L-inċidenti nfushom ta' *cyberbullying* jistgħu jibqgħu wżati bħala evidenza.

**X'għandkom tagħmlu intom <u>l-istudenti</u> fejn jidħol is-*cyberbullying*?**

1. Dejjem irrispettaw lill-oħrajn. Oqogħdu attenti x'tgħidu u x'tibagħtu fuq il-mowbajl u l-internet.
2. Aħsbu qabel ma tibagħtu xi ħaġa għax din issir pubblika f'ħin qasir u tista' tibqa' *online* għal dejjem.
3. Ħudu ħsieb il-*password*. Tatux in-numru tal-mowbajl jew l-indirizz personali tal-imejl lil kulħadd iżda lill-ħbieb li tistgħu tafdaw.

4. Ibblokkaw lil min qed idejjaqkom - tgħallmu kif!
5. Tirrispondux il-messaġġi li tirċievu.
6. Tgħallmu kif tissejvjaw il-messaġġi, ir-ritratti jew il-konverżazzjonijiet *online*.
7. Għid lil xi ħadd adult, speċjalment lill-ġenituri jew għalliema bħall-*guidance teacher*.
8. Tistgħu ċċemplu wkoll il-179 tal-Appoġġ sabiex tirrapportaw *cyberbullying*.

**X'għandkom tagħmlu intom <u>il-ġenituri</u> biex tevitaw dawn il-problemi?**




1. Ħudu interess dwar x'jistgħu jagħmlu t-tfal permezz tal-mowbajl u l-internet.
2. Kunu konxji ta' x'qed jagħmlu t-tfal fuq l-internet u kif jużaw il-mowbajl. It-tfal tagħkom jistgħu jkunu qed jintimidaw lil xi ħadd daqskemm jistgħu jkunu vittmi. Osservaw jekk it-tfal ikunux imdejqin jew imħawdin wara li jużaw l-internet jew il-mowbajl. Jistgħu jżommu sigriet dak li jkun għaddej u ma jkunux iridu jiftħu qalbhom.
3. Tkellmu mat-tfal biex taraw li dawn qegħdin jagħmlu użu tajjeb tal-internet u tal-mowbajl.
4. Hemm programmi apposta biex jassiguraw li ċertu materjal fuq l-internet ma jasalx għand it-tfal. Kunu afu kif tinstallawhom!
5. Fakkru lit-tfal biex ma jweġbux għal messaġġi provokattivi.
6. Żommu dawn il-messaġġi bħala evidenza.
7. Irrappurtaw is-*cyberbullying* billi tikkuntattjaw lill-awtoritajiet tal-iskola speċjalment jekk hemm studenti oħra involuti.
8. Jekk is-*cyberbullying* hu serju ħafna jew ikun twettaq reat kriminali, tridu tirrappurtaw lill-pulizija.

Jekk xi ħadd jixtieq ikollu aktar tagħrif jew għandu xi mistoqsijiet jew diffikultajiet, jista' jċempel lis-sezzjoni tal-*Guidance* tal-iskola fuq 21642427.

Is-Sur K. Coleiro
College Counsellor

# MIL-LIBRERIJA

**Attività:** Fiera tal-Kotba fil-librerija tal-iskola

**Meta:** 6 - 17 ta' Diċembru 2010
**Ħin:** Miftuħa kuljum fil-brejk ta' nofsinhar

L-għanijiet ta' din l-attività huma:

- li nħajru aktar nies jagħtu kotba bħala rigal tal-Milied;
- bil-qligħ minn din il-fiera jinxtraw kotba oħra li din is-sena l-iskola se tagħtihom bħala rigal tal-Milied lil Puttinu Cares.

# PANTOMIMA SINDIRELLA

Kulleġġ San Benedittu Sekondarja Subien, Ħal Kirkop

jippreżenta

**PANTOMIMA 2010**




It-Tnejn 20 u t-Tlieta 21 ta' Diċembru 2010 fis-6:30 p.m.
fis-sala l-ġdida tal-iskola.
Ejja u ddeverti mal-familja u l-ħbieb!
Biljetti mill-iskola jew f il-bieb. Donazzjoni ta' €2.

**Bord Editorjali:**

Assistenta Kap: C Pisani Grixti
Disinn: A Galea
Issettjar: A M Zammit u A Galea
Qari tal-Provi: L Deguara u W Incorvaja
Stampar: C Cassar